# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**28 ta' Frar 2024**

**Rikors Numru 372/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**John Spiteri (K.I: 0084566M)**

**Vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors kostituzzjonali datat 8 ta' Lulju 2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti ressaq is-segwenti ilment:

   ***A. Fatti***

   *Illi nhar il-11 ta' Ġunju, 2022 l-esponent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti) sabiex jaffaċċja proċeduri ta' estradizzjoni lejn l-Italja;*

   *Illi nhar it-30 ta' Ġunju, 2022 il-Qorti tal-Maġistrati ordnat il-ħelsien mill-kustodja tal-estradant ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05;*

   *Illi nonostanti l-ordni li jiġi meħlus, pendenti t-terminu tal-appell tal-Avukat Ġenerali u l-eventwali appell, l-esponent inżamm arrestat. Illi għandu jingħad li dan sar fit-termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta'*

*Malta res applikabbli għal proċeduri ta' Mandat ta' Arrest Ewropew permezz tal-Artikolu 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05;*

*Illi minnufih nhar l-1 ta' Lulju, 2022 l-esponent ippreżenta talba għal ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. L-esponent ippremetta li tenut kont li l-preżunzjoni qawwija tal-innoċenza u multo magis tenut kont li huwa effettivament ġie meħlus, hu altament inġust li jinżamm arrestat pendenti l-iskadenza tat-terminu tal-appell tal-Avukat Ġenerali u, f'każ ta' appell għaż-żmien kollu li jdum jinstema' l-appell;*

*Illi nhar is-6 ta' Lulju, 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat li l-Kapitolu 276 kif mfassal ma jagħti ebda setgħa l-Qorti tal-Appell Kriminali li tawtorizza r-rilaxx tal-persuna bi pleġġ. Il-Qorti kompliet tirretjeni li hija lanqas tista' tikkunsidra l-legalita' tal-arrest u tevalwa jekk l-arrest huwiex wieħed arbitrarju o meno stante li din hija mansjoni riservata biss lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali. Għalhekk il-Qorti ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest;*

*Illi l-esponent jemmen li dan huwa leżiv tad-dritt fundamentali tiegħu fit-termini tal-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

***B. Lanjanzi***

*Illi l-esponent huwa persuna meħlusa mill-kustodja fit-termini tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti). Iżda, peress illi l-Liġi teżiġi li persuna hekk meħlusa għandha tinżamm detenuta pendenti l-eżitu ta' kwalisasi appell tal-parti telliefa, l-esponent qed jinżamm arrestat;*

*Illi l-Liġi mhux biss tipprovdi li l-persuna għandha tibqa' arrestata iżda tali Liġi ma tipprovdi ebda rimedju sabiex persuna effettwata titlob tiġi rilaxxata mill-arrest bi pleġġ;*

*Illi għandu jiġi rilevat li l-Qrati tagħna kemm il-darba awtorizzaw ir-rilaxx mill-arrest ta' persuni arrestati fuq saħħa ta' Mandat ta' Arrest Ewropew. Jiġi rilevat ulterjorment li hija l-Liġi stess, fit-termini tal-Artikolu 15(1), li tiddisponi dwar kif estradant jista' jiġi rilaxxat bi pleġġ mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti). Huwa għalhekk altament kontrosens u inġustizzja gravi li l-Liġi tippermetti bniedem jiġi rilaxxat bi pleġġ waqt is-smigħ fil-Prim Istanza filwaqt li l-istess bniedem ma għandux dritt għal ħelsien mill-arrest u għandu jiġi arrestat mill-ġdid, f'każ ta' appell. Il-ħsara hija iktar gravi meta l-persuna tiġi ri-arrestata fuq appell tal-Avukat Ġenerali; kwindi l-persuna arresta kienet ġiet meħlusa mill-Qorti Rimandanti!*

*Illi di piu, għandu jigi rilevat li l-proviso tal-Artikolu 15(3) jiddisponi li l-persuna effettwata għandha tinżamm arrestata:*

> *'…sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna.'*

*Illi din id-disposizzjoni tal-Liġi ma tissodisfax il-vot rikjest mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u ċioe' li disposizzjoni tal-Liġi li abbażi tagħha tista' tiġi mċaħħda l-liberta' ta' persuna, ma għandhiex tkun waħda arbitrarja. Kwindi għandha tkun waħda legali ('lawful'). Dan in kwantu l-Kapitolu 276 ma jistabilixxi ebda terminu ta' żmien li fih bniedem jista' jinżamm arrestat. Invece l-Artikolu 15(3) jiddisponi li persuna tista' tiġi rilaxxata biss meta jinqata' jew jiġi abbandunat l-appell, terminu surreali u illużorju. Għandu jingħad li kull detenzjoni fil-Liġi Maltija hija korrettament limitata b'terminu ta' żmien.*

*Illi l-esponent għaldaqstant jemmen li sofra, qiegħed isofri u x'aktarx ser isofri minn leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif protett bl-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

### *C. Rimedju mitlub*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

a. *Tiddikjara li sofra, qed isofri jew x'aktarx ser isofri leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu fit-termini tal-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan in kwantu l-Kapitolu 267 tal-Liġiijiet ta' Malta jeżiġi li minkejja persuna tkun ġiet meħlusa minn kustodja, persuna għandha bilfors tinżamm taħt kustodja u jipprojbixxi persuna minn li tingħata l-liberta bi pleġġ;*

b. *Tordna konsegwentament li l-esponent għandu jiġi meħlus mill-arrest bi pleġġ;*

c. *Tiddikjara li l-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdi ebda rimedju jew setgħa lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex persuna titlob li tinħeles mill-arrest bi pleġġ pendenti s-smiegħ ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;*

d. *Tiddikjara konsegwentament li l-esponent sofra, qed isofri jew x'aktarx ser isofri leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu fit-termini tal-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tordna li l-esponent għandu jiġi meħlus mill-arrest bi pleġġ;*

e. *Tiddikjara li l-arrest tal-esponent fit-termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex wieħed legali ('lawful');*

f. *Tiddikjara konsegwentament li l-esponent sofra, qed isofri jew x'aktarx ser isofri leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu fit-termini tal-Artikolu*

*5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tordna li għandu jiġi meħlus mill-arrest bi pleġġ;*

g. *Tieħu dawk il-provvedimenti u takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-esponent.*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi kontestwalment mar-rikors kostituzzjonali ġie ppreżentat rikors b'urġenza, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab illi dina l-Qorti tipprovdilu rimedju interim, li għalih l-Avukat tal-Istat oġġezzjona permezz ta' risposta tal-14 ta' Lulju 2022.

3. Rat illi fit-13 ta' Lulju 2022, l-Avukat tal-Istat irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur, hu ġarrab jew x'aktarx ser iġarrab ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

2. *Illi t-talbiet u pretensjonijiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jisthoqq li jiġu miċħuda.*

3. *Illi jibda billi jingħad li l-iskop fundamentali kemm tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni huwa sabiex jipproteġu kontra d-detenzjoni arbitrarja. Fil-każ odjern, l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent għandhom bażi legali u assolutament ma hemm ebda arbitrarjetà.*

4. *Illi l-Artikolu 5 jiggarantixxi d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Id-deprivazzjoni tal-libertà tista' ssir biss f'waħda miċ-ċirkostanzi prevvisti mill-istess Artikolu u skont proċedura preskritta bil-liġi. Fil-każ odjern, l-eċċezzjoni li nsibu fis-subartikolu 5(1)(f) huwa applikabbli. L-istess jingħad fir-rigward tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni fejn japplika s-subinċiż (1)(j) peress li dan jikkontempla espressament kif id-detenzjoni tista' tiġi ordnata waqt proċeduri ta' estradizzjoni.*

5. *Illi kif ġie spjegat fis-sentenza ta' Paul Attard vs. L-Avukat tal-Istat:*

> *"17. Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, awturi stabbiliti, u l-Qrati nostrana, iddelineaw tliet elementi illi jsawru din l-eċċezzjoni, liema elementi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-benchmark illi jiddetermina jekk detenzjoni fl-ambitu ta' proċeduri t'estradizzjoni tivvjolax l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, jew taqax taħt l-eċċezzjoni kontemplata mis-sub-inċiż (f):*
> *(a) Id-detenzjoni għandha tkun legali ("lawful") u mhux arbitrarja;*

*(b) Id-detenzjoni trid tkun bl-intenzjoni t'estradizzjoni ("with a view to extradition"); u*
*(c) Il-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza ("prosecuted with due diligence");"*

6. *Illi dawn ir-rekwiżiti huma pjenement sodisfatti fil-każ odjern. Id-detenzjoni tiegħu saret taħt qafas legali u għalhekk mhix waħda arbitrarja, hi intenzjonata bl-iskop aħħari li jkun hemm l-estradizzjoni tiegħu u, kif ser jintwera ampjament, il-proċeduri qed jitmexxew b'diliġenza.*

7. *Illi fis-sustanza, ir-rikorrent qiegħed jilmenta bil-fatt li peress li sar appell minn naħa tal-Avukat Ġenerali, hu għadu qed jinżamm detenut minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti ma ordnatx l-estradizzjoni tiegħu.*

8. *Illi dan l-argument assolutament ma japprezzax ir-ratio legis kemm tal-Kap. 276, il-Liġi Sussidjarja 276.05 kif ukoll tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA dwar l-arrest u ċ-ċediment ta' individwi bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-iskopijiet ta' tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja.*

   *Il-fatt hu li l-proċess ta' estradizzjoni tar-rikorrent ma ntemmx. Għalkemm in Prim' Istanza l-Qorti tal-Maġistrati ma ordnatx l-estradizzjoni tiegħu, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) xorta tista' tħassar is-sentenza in kwistjoni u minflok tordna l-estradizzjoni tiegħu.*

   *Huwa f'dan il-kuntest li għandu jitqies l-ilment tar-rikorrent. Il-fatt hu li issa r-rikorrenti jinsab fi stadju finali tal-proċess tal-estradizzjoni tiegħu; bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ser jiġi determinat b'mod definittiv jekk ir-rikorrent għandux jiġi estradit jew le. Konsegwentement, il-bżonn ta' miżuri kawtelatorji, ċioè d-detenzjoni tar-rikorrent, huma tant akbar peress li jekk l-Qorti tal-Appell Kriminali tordna l-estradizzjoni tar-rikorrent, dik l-estradizzjoni għandha titwettaq fi żmien qasir, u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt tiegħu li jressaq ilment kostituzzjonali kif kontemplat mill-Kap. 276.*

9. *Illi ta' min ifakkar li kemm l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 34 ma jistabbilixxu ebda terminu ta' kemm wieħed jista' jinżamm taħt arrest. Fil-kuntest ta' detenzjoni bl-iskop ta' deportazzjoni jew estradizzjoni, l-awtur William A. Schabas fil-ktieb tiegħu The European Convention on Human Rights – A Commentary jispjega:*

   > *"But where proceedings are not underway to expel or extradite a person, the exception of 5(1)(f) does not apply. Detention must be carried out in good faith, it must be closely connected to the purpose of preventing unauthorized entry, deportation, or extradition, the place and conditions of detention should be appropriate, and the length of the detention should not exceed that reasonably required*

*for the purpose being pursued. Deprivation of liberty in view of deportation or extradition can only be justified as long as proceedings are underway. If they are not conducted with due diligence, a violation of article 5(1)(f) may arise." [Enfasi tal-esponent]*

*Fil-każ odjern, ma hemm ebda dubju li l-proċess ta' estradizzjoni għadu għaddej u għalhekk id-detenzjoni tiegħu hi ġustifikata.*

10. *Illi r-rikorrent huwa kompletament skorrett meta jgħid li jgħid li l-Artikolu 15(3) jikkrea "terminu surreali" ta' meta għandhom jiġu konklużi l-proċeduri ta' estradizzjoni u dan peress ai termini tar-Regolament 27A tal-L.S. 276.05, deċiżjoni finali dwar il-konsenja, inkluż d-deċiżjoni ta' appell meta jkun sar appell, għandha tittieħed fi żmien sittin (60) jum mill-jum li l-persuna ġiet arrestata. Ma hemm xejn x'jindika li dan it-terminu mhux ser jiġi rispettat.*

11. *Illi meqjus dan kollu, ċertament ma hemm ebda leżjoni kemm tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.*

12. *Illi in kwantu għall-allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39, dawn l-artikoli jassiguraw id-dritt għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent ma jispeċifikax preċiżament kif dawn l-artikoli ġew leżi; imkien ma allega li hu ma ngħatax smigħ xieraq. L-uniku punt li donnu qiegħed iqajjem ir-rikorrent huwa dwar allegat nuqqas ta' aċċess għall-qorti, u ċioè li ma jistax jitlob il-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).*

13. *Illi dwar dan il-punt, jibda billi jingħad li l-jedd għal aċċess ġudizzjarju ma jistax jiġi mqanqal biex jiġu maħluqa drittijiet ġodda jew differenti minn dawk mogħtija fil-liġi domestika. Li kieku ma jkunx hekk, iċ-ċertezza legali tinġieb fix-xejn, għaliex kull persuna, taħt il-pretest li m'għandiex jedd għall-aċċess għall-qorti, tista' titlob li jinbidlu jew jitneħħew liġijiet sabiex dawn jiġu jirriflettu dak li tkun tixtieq dik il-persuna.*

14. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa minnu li fil-każ odjern, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ma għandhiex is-setgħa li tagħti l-ħelsien mill-arrest. Madankollu, jiġi ritenut il-fatt li proċeduri ta' estradizzjoni huma ta' natura partikolari; iridu jiġu deċiżi f'terminu pjuttost qasir u, kif diġà rajna, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) għandha r-responsabbiltà li tiddetermina konklussivament it-talba għall-estradizzjoni tar-rikorrent. Dawn il-fatti jikkontrobilanċjaw kwalunkwe restrizzjoni imposta mil-liġi.*

15. *Illi għalhekk, anke hawn ċertament ma hemm ebda leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

16. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jissottometti li ma seħħ u mhux ser iseħħ ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż.*

**Provi:**

4. Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2022 semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet għar-rikors ta' *interim measure*.

5. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fl-14 ta' Lulju 2022 immarkata bħala Dok FD1 (fol 29-35), Dok FD2 (fol 36-51) u Dok FD3 (fol 52).

6. Rat illi fit-18 ta' Lulju 2022, il-Qorti tat digriet in camera fejn hija ċaħdet it-talba tar-rikors b'urġenza ppreżentat mir-rikorrenti John Spiteri.

7. Rat in-nota ppreżentata fit-28 ta' Settembru 2022 u d-dokumenti annessi magħha (fol 59-180).

8. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2022, il-Qorti, in vista ta' l-assenza tal-avukati tar-rikorrenti, ddikjarat illi r-rikorrenti ma għandux aktar provi xi jressaq.

9. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2022, l-Avukat tal-Istat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

10. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

11. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2022, għal darba oħra, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

12. Rat in-nota ppreżentata mir-rikorrenti fil-15 ta' Diċembru 2022 u d-dokument anness magħha (fol 183-193).

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata eventwalment fit-2 ta' Marzu 2023.

14. Rat illi fit-2 ta' Marzu 2023, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet intimati bil-miktub.

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2023.

16. Rat illi fl-24 ta' Mejju 2023, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

17. Jirriżulta li r-rikorrenti kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa bħala l-Qorti Rimandanti) sabiex jaffaċċja proċeduri ta' estradizzjoni ġewwa l-Italja.

18. Jirriżulta illi, fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa bħala l-Qorti Rimandanti), ġie mitlub il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti. Illi b'digriet datat 21 ta' Ġunju 2022, l-istess Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għall-ħelsien mill-arrest (Dok FD 3 fol 52).

19. Jirriżulta illi, sussegwentement, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Ġunju 2022 eventwalment ordnat il-ħelsien mill-kustodja tar-rikorrenti ai termini tal-Liġi Sussidjarja 276.05 u dan *"peress li l-allert eżibit mhuwiex konformi mad-dettami tal-Ordni, in kwantu hu nieqes minn dik l-informazzjoni li ssir riferenza għaliha fir-Regolmanet 6A(2)(b) tal-Ordni"* (Dok FDI fol 29-35).

20. Jirriżulta mill-qari tad-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali datat 6 ta' Lulju 2022 (Dok FD2 fol 36-51) illi fil-5 ta' Lulju 2022, l-Avukat Ġenerali interpona appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2022.

21. Jirriżulta illi bl-applikazzjoni tar-Regolament 27 tal-Liġi Sussidjarja 276.05 li jrendi applikabbli l-*proviso* mal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti tqiegħed f'kustodja u għalhekk baqa' arrestat.

22. Jirriżulta illi r-rikorrenti intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti.

23. Jirriżulta illi fis-6 ta' Lulju 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet ir-rikors imressaq quddiemha, u dan a bażi tal-fatt illi l-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħti l-ebda setgħa lill-Qorti tal-Appell Kriminali li tagħti l-ħelsien mill-arrest.

24. Jirriżulta illi fit-2 ta' Awwissu 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali, fejn ddikjarat nulla u bla effett s-sentenza tal-Qorti Rimandanti *"stante li bħala konsegwenza astjeniet milli tieħu in konsiderazzjoni l-punti l-oħra sollevati mill-estradant fis-smiegħ tat-talba ta' estradizzjoni, tordna li l-atti għandhom ikunu rimandati lill-ewwel Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid skont il-liġi. L-appellat għandu jitqiegħed fl-istess posizzjoni li kien fiha meta tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Rimandanti"* (fol 60-82).

25. Jirriżulta illi fl-24 ta' Awwissu 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa bħala l-Qorti Rimandanti), iddeċidiet illi r-rikorrenti għandu jiġi estradit, fejn ipprovdiet illi ai termini tar-Regolament 24 tal-Ordni *"tordna li l-estradat għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Italja, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat. Il-Qorti qiegħda, ai termini tar-Regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, tinforma lill-estradat li : (a) mhuwiex ser jiġi mreġġa' lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja; (b) għandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni (c) jekk jidhrilu li xi wieħed mid-disposiżizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu jekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ"* (fol 83-110).

26. Jirriżulta illi r-rikorrenti interpona appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa bħala l-Qorti Rimandanti).

27. Jirriżulta illi, permezz ta' sentenza mogħtija fl-20 ta' Settembru 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti u b'hekk ikkonfermat il-konsenja tar-rikorrenti lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji tar-Repubblika tal-Italja (fol 111-180).

28. Jirriżulta illi r-rikorrenti sussegwentement intavola rikors fejn talab il-ħelsien mill-arrest.

29. Jirriżulta eventwalment illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' digriet datat 29 ta' Settembru 2022, laqgħet it-talba tar-rikorrenti u akkordatlu l-benefiċċju tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest (fol 184-193).

**Ikkunsidrat**

30. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti, qiegħed permezz tal-azzjoni preżenti, jitlob li jiġi d-dikjarat illi r-rikorrenti <u>sofra, qed isofri jew x'aktarx ser isofri</u> leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu ai termini tal-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem *(aktar l-isfel riferuta bħala 'Konvenzjoni Ewropea')* u tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta jesiġi li, minkejja persuna tkun ġiet meħlusa mill-kustodja, f'każ ta' appell interpost mill-Avukat Ġenerali <u>hija għandha bilfors tinżamm taħt kustodja pendenti l-proċedura tal-appell, mingħajr il-possibilità li tingħata l-libertà bi pleġġ.</u>

31. Jirriżulta wkoll illi, filwaqt li qed jintalab illi r-rikorrenti jiġi meħlus mill-arrest, qed jintalab ukoll li jiġi dikjarat illi l-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix ebda rimedju jew setgħa lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex persuna titlob li tinħeles mill-arrest bi pleġġ pendenti s-smigħ tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u qed jintalab ukoll li jiġi dikjarat illi l-arrest tar-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex wieħed legali (*lawful*).

32. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-iskop tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa sabiex jipproteġu kontra d-detenzjoni arbitrarja u li fil-każ odjern l-arrest tar-rikorrenti għandu bażi legali, illi l-Artikolu 5 jiggarantixxi d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna u fil-każ odjern tapplika l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 5(1)(f) u l-istess jingħad fir-rigward tal-Artikolu 34 fejn japplika s-subinċiż (1)(j), illi d-detenzjoni tar-rikorrenti saret taħt qafas legali u b'hekk mhux waħda arbitrarja, illi l-proċess tal-estradizzjoni tar-rikorrenti għadu ma ntemmx, illi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ma jistabbilixxu ebda terminu ta' kemm wieħed jista' jinżamm taħt arrest, illi l-Artikolu 27A tal-Liġi Sussidjarja 276.05 jipprovdi illi deċiżjoni ta' appell għandha tittieħed fi żmien sittin (60) jum minn meta l-persuna ġiet arrestata, illi m'hemmx leżjoni tal-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni u lanqas tal-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni.

**Meritu tal-każ**

33. L-ewwel u qabel kollox il-Qorti tosserva illi, tul il-pendenza tal-kawża in deżamina, ġraw diversi fatti illi biddlu x-xenarju li bih ġiet impostata l-kawża li din il-Qorti għandha quddiemha, fosthom:

    a. id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn laqgħet l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali u rrimandat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati;

    b. is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti fejn iddeċidiet illi r-rikorrenti għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Italja, stante li ġiet milqugħa t-talba għall-estradizzjoni tiegħu; u

    c. il-konferma ta' din is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

    d. il-fatt li r-rikorrenti ngħata mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

34. Illi b'hekk, fl-ottika ta' dan kollu, l-Qorti tosserva li ċertu talbiet promossi mir-rikorrenti fir-rikors promutur tiegħu, senjatament dawk li għandhom x'jaqsmu mat-talba sabiex huwa jiġi meħlus mill-arrest bi pleġġ, f'dan l-istadju jistgħu jitqiesu li ġew sorvolati. In oltre, l-Qorti tirrileva illi hija tinsab imsejħa tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti fid-dawl tal-fatti hekk kif inhuma proposti fir-rikors promotur tiegħu.

35. L-ilment tar-rikorrenti, kif ġia fuq riprodott, huwa ppernjat fuq il-fatt illi l-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta jipprojbixxi persuna meħlusa mill-kustodja li tingħata l-ħelsien mill-arrest u ma jipprovdi l-ebda setgħa lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex persuna titlob li tinħeles mill-arrest bi pleġġ, pendenti s-smigħ tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. In oltre, r-rikorrenti jilmenta wkoll illi *quindi* l-arrest tiegħu ma kienx wieħed legali. Illi hekk kif jidher mid-diċitura tar-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti huwa qed jilmenta li dan kollu huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tiegħu, senjatament tal-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni.

36. Hawnhekk, il-Qorti tibda billi tirrileva li fil-kawża odjerna, hija ġiet mitluba sabiex teżamina u tistabbilixxi jekk il-*proviso* tal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kapitolu 276) li huwa reż applikabbli permezz tal-Regolament 27 tal-Liġi Sussidjarja 276.05 huwiex leżiv tad-dritt fondamentali għal-libertà u għas-smigħ xieraq, u dan <u>esklussivament</u> fl-ottika tal-fatt li r-rikorrenti kien, permezz ta' sentenza tat-30 ta' Ġunju 2022, ġie meħlus mill-kustodja mill-Qorti Rimandanti iżda xorta waħda kellu jitqiegħed f'arrest pendenti ż-żmien mogħti lill-Avukat Ġenerali sabiex jintavola appell u f'każ li jiġi interpost dan l-appell, pendenti, l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Kif ukoll, fl-ottika tal-fatt illi pendenti l-appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma għandhiex is-setgħa li tordna l-ħelsien mill-arrest bi pleġġ u dana kif ġie espress mill-Qorti tal-Appell Kriminali stess fid-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju 2022.

37. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex l-ewwel u qabel kollox tipproduċi l-artikolu/i tal-liġi li fuq huwa bbażat l-ilment tar-rikorrenti.

38. Illi l-*proviso* tal-Artikolu 15 (3) tal-Kap 276 jipprovdi s-segwenti:

> *"Iżda **minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja,**[1] dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm jgħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna".*

39. Illi l-applikabilità ta' din id-disposizzjoni legali, li tinsab kif ġja kwotat fl-Att dwar l-Estradizzjoni, għall-proċeduri tal-mandat t'arrest Ewropew, kontenuti fil-Liġi Sussidjarja 276.05, toħroġ mir-Regolament 27 tal-istess Ordni, ossia, l-Liġi Sussidjarja 276.05. Illi dan ir-Regolament 27 jipprovdi:

> *"Il-proviso mal-artikolu 15(3) tal-Att rilevanti għandu japplika **għal kull ordni**[2] li tkun teħles lill-persuna indikata mill-kustodja taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni".*

40. Il-Qorti tirrileva illi, kif ġia ġie spjegat bl-aktar mod ċar u limpidu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Settembru 2022, li tinsab eżebita in atti fol 111-180, il-proċeduri dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat t'arrest Ewropew:

> *"huma proċeduri partikolari ħafna peress li għalkemm bażati fuq ċerti prinċipji tradizzjonalment marbuta mal-estradizzjonijiet, mill-banda l-oħra huma msejsa fuq bażi legali li kienet maħsuba u intiża li tmur lil hinn mill-proċeduri t'estradizzjoni. Għalkemm fil-Liġi Maltija, il-Liġi li tirregola l-mandati t'arrest Ewropej tinsab f'Liġi li taqa' taħt l-umbrella tal-Liġi tal-Estradizzjoni, mill-banda l-oħra din il-proċedura misjuba fl-Ordni li jirregola l-mandati ta' arrest Ewropej ma tistax titqies li hija proċedura t'estradizzjoni fis-sens tradizzjonali tal-kelma"* (fol 112).

Madanakollu, l-Qorti tirrileva illi l-Ordni stess, u ċioè l-Liġi Sussidjarja 276.05 tipprovdi permezz tar-Regolament 3[3] li ċertu disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Estradizzjoni huma applikabbli għall-proċeduri dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat t'arrest Ewropew, bħalma huwa appuntu l-*proviso* tal-Artikolu 15(3) tal-Kap 276.

41. Illi kif diġà ngħad aktar 'il fuq, ir-rikorrenti qiegħed jallega l-ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu, senjatament, tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

42. Il-Qorti ser għalhekk tgħaddi sabiex tanalizza jekk dak ilmentat mir-rikorrenti huwiex leżiv tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

---

[1] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

[2] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

[3] Ir-Regolament 3 jipprovdi: "***Huma biss id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni, salv jekk ma jiġix xort'oħra espressament indikat***, *li għandhom japplikaw għal talbiet li Malta tirċievi jew tagħmel fid-data rilevanti jew wara sabiex persuna kriminali maħruba titreġġa' lura lejn jew minn pajjiż skedat, jew biex persuni jitreġġgħu lura lejn Malta minn pajjiż skedat konformement ma' talba li ssir taħt dan l-Ordni, u d-dispożizzjonijiet tal-Att rilevanti għandu jkollhom effett dwar it-treġġigħ lura taħt dan l-Ordni ta' persuni lejn, jew dwar persuni mreġġgħin lura taħt dan l-Ordni minn, xi pajjiż skedat bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet kif imsemmi f'dan l-Ordni. (2) L-Att rilevanti u kull Ordni li japplika u li kien fis-seħħ qabel id-data rilevanti għandu jkompli japplika għal talbiet għat-treġġigħ lura ta' persuna kriminali maħruba lejn pajjiż skedat li jkun għadu pendenti f'Malta fid-data rilevanti u għal talbiet magħmulin minn Malta lil pajjiż skedat qabel id-data rilevanti, u kull arranġament li jkun japplika bejn dak il-pajjiż u Malta qabel id-data rilevanti għandu jibqa' wkoll japplika għal dawk it-talbiet.(3) Meta pajjiż imsemmi ikun, skond l-Arranġament, ta avviż li bħala l-pajjiż rikjest il-leġislazzjoni li kienet fis-seħħ qabel ma saret il-leġislazzjoni tiegħu li timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Arranġament tkun tapplika għal atti magħmulin qabel data li tiġi msemmija minnu, l-Att rilevanti u kull Ordni li jkun japplika li kien fis-seħħ qabel id-data rilevanti għandu jkompli japplika għal dawk l-atti u kull arranġament li japplika bejn dak il-pajjiż u Malta qabel id-data rilevanti ta' dan l-Ordni għandu wkoll ikompli japplika għalihom".*

**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni**

43. Illi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` u għas-sigurta` tal-persuna.* ***<u>Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta` tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:</u>***
>
> *(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;*
>
> *(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;*
>
> *(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*
>
> *(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skont il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorita` legali kompetenti;*
>
> *(e) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;*
>
> ***(f) <u>l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorita` fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed tittieħed azzjoni għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.</u>***
>
> *2. Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.*
>
> *3. Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.*
>
> *4. Kull min ikun ipprivat mil-liberta` tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-liberta` tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni* ***<u>ma tkunx skont il-liġi</u>****.*

*5. Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens".*[4]

44. Illi l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mill-banda l-oħra, jaqra hekk:

(1) *Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu* ***ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri –***

*(a) bħala konsegwenza tal-inkapaċità tiegħu li jwieġeb għal akkuża kriminali;*

*(b) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati;*

*(ċ) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti li tikkundannah għal disprezz lejn dik il-qorti jew lejn qorti jew tribunal ieħor jew fl-esekuzzjoni tal-ordni tal-Kamra tad-Deputati li tikkundannah għal disprezz lejha stess jew lejn il-membri tagħha jew għal ksur ta' privileġġ;*

*(d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi;*

*(e) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti jew quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' dik il-Kamra;*

*(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali;*

*(g) fil-każ ta' persuna li ma tkunx għalqet l-età ta'tmintax-il sena, għall-iskop tal-edukazzjoni u ġid tagħha;*

*(h) sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' marda infettiva jew kontaġġuża;*

*(i) fil-każ ta' persuna li tkun, jew tkun raġonevolment suspetta li tkun, ta' moħħ marid, mogħtija għan-narkotiċi jew xorb, jew vagabonda, għall-iskop tal-kura jew trattament tagħha jew protezzjoni tal-komunità; jew*

***(j) sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta' dik il-persuna f'Malta, jew sabiex tiġi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tneħħija leġittima oħra ta' dik il-persuna minn Malta jew it-teħid ta' proċeduri dwar hekk jew sabiex tiġi mrażżna dik il-persuna waqt li tkun qed tiġi mgħoddija minn Malta fil-kors tal-estradizzjoni jew tneħħija tagħha bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal ieħor.***

*(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nformat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew detenzjoni tiegħu:*

[4] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

*Iżda jekk 14interpretu 14jkun meħtieġ u ma jkunx disponibbli malajr jew jekk ikun xort'oħra imprattikabbli li jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, dawn id-disposizzjonijiet għandhom jiġu mħarsa kemm jista' jkun malajr.*

*(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut-*

*(a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti; jew*

*(b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali,*

*u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestat jew detenut f'xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet raġonevoli, magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri 14preliminari 14għall-kawża.*

*(4) Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna oħra jkollu dritt għal kumpens għal hekk minn dik il-persuna.*

*(5) Ebda ħaġa li hemm fi jew li tkun magħmula bl-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza t-teħid matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika skont ma hu msemmi fil-paragrafu (a) jew (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 47 ta' din il-Kostituzzjoni ta' miżuri li jkunu raġonevolment ġustifikabbli sabiex tiġi affrontata s-sitwazzjoni li teżisti matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika.*

*(6) Jekk xi ħadd li jkun detenut legalment bis-saħħa biss ta' liġi bħal dik imsemmija fis-subartikolu li jaħbat l-aħħar qabel dan hekk jitlob f'xi żmien matul il-perijodu ta' dik id-detenzjoni mhux qabel sitt xhur wara li jkun għamel l-aħħar talba bħal dik matul dak il-perijodu, il-każ tiegħu jiġi rivedut minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi u magħmul minn persuna jew persuni li kull waħda minnhom ikollha jew kellha kariga ġudizzjarja jew tkun kwalifikata biex tiġi maħtura għal kariga bħal dik f'Malta.*

*(7) Wara xi reviżjoni minn tribunal skont is-subartikolu li jaħbat l-aħħar qabel dan tal-każ ta' xi persuna detenuta, it-tribunal jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtieġa jew espedjenza tat-tkomplija tad-detenzjoni tagħha lill-awtorità li minnha kienet ġiet ordnata iżda kemm-il*

*darba ma jkunx provdut xort,oħra b'liġi, dik l-awtorità ma tkunx obbligata taġixxi skont xi rakkomandazzjonijiet bħal dawk"*[5].

45. Il-Qorti tinnota li għalkemm id-diċitura taż-żewġ artikoli tvarja, madanakollu jidher ċar li ż-żewġ artikoli huma msejsa fuq id-dritt li ħadd ma għandu jkun deprivat mil-libertà tiegħu. Madanakollu, kif jidher ċar mill-qari tal-istess żewġ artikoli in deżamina, dan mhuwiex dritt assolut. Infatti, jiġi rilevat illi fl-ewwel sentenza taż-żewġ artikoli hemm mill-ewwel miktub, iswed fuq abjad, l-eċċezzjoni għal dan id-dritt, liema eċċezzjoni hija bbażata u temani minn proċedura preskritta bil-liġi. Illi dak li qed jiġi protett permezz ta' dawn iż-żewġ artikoli huwa l-arrest u d-detenzjoni arbitrarja u mhux legali.

46. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi ntqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet *Patrick Spiteri vs L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija* [6] tipprovdi illi:

*"Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja skont l-artikolu msemmi dik id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-istess artikoli u ċioe' li l-indivdwu jiġi mħares mill-arbitrarjetà. Illi madanakollu dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut u dan stante li dan l-artikolu jikkontjeni lista eżawrenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-libertà ta' xi persuna".*

47. In oltre, jingħad ukoll illi kemm l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jagħmlu referenza ċara u inekwivokabbli għal każijiet ta' deprivazzjoni tal-libertà f'kuntest ta' estradizzjoni.

48. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijet tal-Bniedem fuq l-Artikolu 5 (1)(f) tal-Konvenzjoni Ewropea.

49. Illi wieħed mill-prinċipji stabbiliti huwa li dan l-artikolu:

*"provides a different level of protection from Article 5 § 1 (c): all that is required under sub-paragraph (f) is that "action is being taken with a view to deportation or extradition".*

50. Illi fil-każ *Chahal v. The United Kingdom*[7], li ġie ukoll kwotat mill-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ġie ritenut illi:

*112. The Court recalls that it is not in dispute that Mr Chahal has been detained "with a view to deportation" within the meaning of Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) (see paragraph 109 above). Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) does not demand that the detention of a person against whom action is being taken with a view to deportation be reasonably considered necessary, for example to prevent his committing an offence or fleeing; in this respect Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) provides a different level of protection from Article 5 para. 1 (c) (art. 5-1-c).*

[5] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti
[6] Kawża numru 239/2019AF deċiża fit-13 t' Ottubru 2021
[7] Kawża numru 22414/93 deċiża fil-15 ta' Novembru 1996

*Indeed, all that is required under this provision (art. 5-1-f) is that "action is being taken with a view to deportation". It is therefore immaterial, for the purposes of Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f), whether the underlying decision to expel can be justified under national or Convention law.*

*113. The Court recalls, however, that any deprivation of liberty under Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) will be justified only for as long as deportation proceedings are in progress. If such proceedings are not prosecuted with due diligence, the detention will cease to be permissible under Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) (see the Quinn v. France judgment of 22 March 1995, Series A no. 311, p. 19, para. 48, and also the Kolompar v. Belgium judgment of 24 September 1992, Series A no. 235-C, p. 55, para. 36)".*

51. Illi l-istess prinċipju ġie ukoll stabbilit fil-kawżi *Čonka v. Belgium*[8] u *Nasrulloyev v. Russia*[9], *Soldatenko v. Ukraine*[10], fejn f'dawn il-kawżi l-Qorti stqarret ukoll:

*The Court reiterates, however, that it falls to it to examine whether the applicant's detention was "lawful" for the purposes of Article 5 § 1 (f), with particular reference to the safeguards provided by the national system. Where the "lawfulness" of detention is in issue, including the question whether "a procedure prescribed by law" has been followed, the Convention refers essentially to national law and lays down the obligation to conform to the substantive and procedural rules of national law, but it requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of Article 5, which is to protect the individual from arbitrariness (see Amuur v. France, judgment of 25 June 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-III, § 50).*

Illi b'żieda mal-prinċipju ta' *"lawfulness"*, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem f'bosta kawżi tra cui dawk appena ċitati ttenni:

*The Court must therefore ascertain whether domestic law itself is in conformity with the Convention, including the general principles expressed or implied therein. On this last point, the Court stresses that, where deprivation of liberty is concerned, it is particularly important that the general principle of legal certainty be satisfied. In laying down that any deprivation of liberty must be effected "in accordance with a procedure prescribed by law", Article 5 § 1 does not merely refer back to domestic law; like the expressions "in accordance with the law" and "prescribed by law" in the second paragraphs of Articles 8 to 11, it also relates to the "quality of the law", requiring it to be compatible with the rule of law, a concept inherent in all the Articles of the Convention. "Quality of law" in this sense implies that where a national law authorises deprivation of liberty it must be sufficiently accessible, precise and foreseeable in its application, in order to avoid all risk of arbitrariness.*

[8] Kawża numru 51564/99 deċiża fil-5 ta' Frar 2002
[9] Kawża numru 656/06 deċiża fil-11 ta' Ottubru 2007
[10] Kawża numru 2440/07 deċiża fit-23 ta' Jannar 2009

52. Prinċipju ieħor pronunzjat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem huwa li l-proċeduri ta' estradizzjoni jridu jkunu saru u tmexxew "*with due diligence*" sabiex id-deprivazzjoni tal-libertà tkun permissibili. Dan il-prinċipju ġie stabbilit f'diversi k17awżi bħal Khlaifia and Others v. Italy[11] (*din il-kawża ġiet ukoll kwotata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu),* A. and Others v. The United Kingdom[12], Amie and Others v. Bulgaria[13], Shiksaitov v. Slovakia[14] kif ukoll fil-kawża hawn fuq kwotata *Chahal vs. The United Kingdom*.

53. Barra l-prinċipju ta' *"due diligence"*, ġie stabbilit ukoll il-prinċipju ta' *"good faith"*. Illi fil-kawża supraċitata A. and Others v. The United Kingdom, il-Qorti rriteniet:

> *It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5 § 1 and the notion of "arbitrariness" in Article 5 § 1 extends beyond lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and thus contrary to the Convention (see Saadi, cited above, § 67). To avoid being branded as arbitrary, detention under Article 5 § 1 (f) must be carried out in good faith; it must be closely connected to the ground of detention relied on by the Government; the place and conditions of detention should be appropriate; and the length of the detention should not exceed that reasonably required for the purpose pursued (see, mutatis mutandis, Saadi, cited above, § 74).*

54. Illi fil-każ Öcalan v. Turkey[15], il-Qorti spjegat illi:

> *The Convention contains no provisions concerning the circumstances in which extradition may be granted, or the procedure to be followed before extradition may be granted. Subject to it being the result of cooperation between the States concerned and provided that the legal basis for the order for the fugitive's arrest is an arrest warrant issued by the authorities of the fugitive's State of origin, even an atypical extradition cannot as such be regarded as being contrary to the Convention (see Sánchez Ramirez, cited above).*

55. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel ukoll referenza għall-ġurisprudenza nostrana. Illi fil-kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet *Dr. Joseph Brincat bħala mandatarju speċjali ta' Mark Charles Stephens vs Avukat Ġenerali*[16], l-Qorti tikkwota mill-ktieb ta' Harris, O'Boyle & Warbrick, *'Law of the European Convention on Human Rights'*, u tesprimi:

> *"Illi fil-qafas ta' proċeduri għal estradizzjoni, il-legalita' tal-arrest jew iż-żamma (detenzjoni) ta' persuna għall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni titqies skond il-liġi tal-Istat konċernat u skond l-istess Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, huwa stabilit li " 'lawful' has been interpreted as referring to both procedure and substance, so that the two requirements overlap. In*

[11] Kawża numru 16483/12 deċiża fil-15 ta' Diċembru 2016
[12] Kawża numru 3455/05 deċiża fid-19 ta' Frar 2009
[13] Kawża numru 58149/08 deċiża 12 ta' Frar 2013
[14] Kawża numru 56751/16 u 33762/17 deċiża fis-19 ta' April 2021
[15] Kawża numru 46221/99 deċiża fit-12 ta' Mejju 2005
[16] Kawża numru 29/2005 deċiża fit-30 ta' Ġunju 2005 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 t' Awwissu 2005

*practice, the Court sometimes merges its consideration of the two requirements, treating procedural, as well as substantive, regularity by reference to the single requirement that a deprivation of liberty be 'lawful'. It follows that the Court has developed the same meaning for the two requirements. Thus, the requirement of 'lawfulness' has also been understood to mean that any detention must be in accordance with the applicable municipal law and the Convention, and must not be 'arbitrary'. ... In the context of Article 5(1)(f), the Commission has suggested that 'lawful' also incorporates the requirement that the municipal law upon which the detention is based must be accessible and foreseeable in its application".*

56. Illi fil-kawża fl-ismijiet Paul Attard vs. L-Avukat tal-Istat[17], deċiża riċentement, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili osservat illi:

*"Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, awturi stabbiliti, u l-Qrati nostrana, iddelineaw tliet elementi illi jsawru din l-eċċezzjoni, liema elementi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-benchmark illi jiddetermina jekk detenzjoni fl-ambitu ta' proċeduri t'estradizzjoni tivvjolax l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, jew taqax taħt l-eċċezzjoni kontemplata mis-sub-inċiż (f):*

*a. Id-detenzjoni għandha tkun legali ("lawful") u mhux arbitrarja;*
*b. Id-detenzjoni trid tkun bl-intenzjoni t'estradizzjoni ("with a view to extradition");u*
*c. Il-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza ("prosecuted with due diligence")".*

Illi din is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali[18] kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti illi ma hemmx ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Illi l-Qorti Kostituzzjonali esprimiet illi:

*L-Art. 5(1)(f) ma jimponix obbligu fuq l-Istat li jipprovdi għal żmien massimu li matulu persuna tista' titpoġġa taħt kustodja għall-finijiet ta' estradizzjoni".*

57. Illi l-istess prinċipji ġew enunċati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet *Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*[19]. Il-Qorti qalet:

*"Jirrileva li l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-eċċezzjoni maħsuba fil-paragrafu (f) tas-subartikolu(l) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tapplika għal każ odjern. Ir-rekwiżiti li jimponi l-Artikolu 5 (1) (f) tal-Konvenzjoni sabiex detenzjoni tkun konsidrata bħala in linea mal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali huma li (a) id-detenzjoni għandha tkun waħda legali; (b) b'intenzjoni li l-persuna tiġi estradita; u (c) il-proċeduri ta' estradizzjoni jitmexxew b'diliġenza".*

**Konsiderazzjonijiet dwar il-każ odjern**

[17] Kawża numru 738/2021 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ġunju 2022
[18] Deċiża fit-30 ta' Novembru 2022
[19] Kawża numru 45/2016 deċiża fit-13 ta' Ġunju 2017

58. Ikkunsidrat dan kollu delineat hawn fuq u fl-ottika tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ewropea, kif ukoll mill-ġurisprudenza nostrana, speċjalment fil-kawża *Paul Attard vs. L-Avukat tal-Istat* u fil-kawża *Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*, il-Qorti ser issa tgħaddi sabiex teżamina u tevalwa dawn l-elementi u prinċipji għall-każ odjern.

59. Illi l-ewwel prinċipju huwa dak ta' *"lawfulness",* ossia li d-detenzjoni trid tkun waħda legali u mhux arbitrarja.

60. Illi kif jidher mill-kawżi supraċitati, l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, tispjega dan il-kunċett ta' *"lawfulness"* u tisħaq illi d-detenzjoni mhux biss trid temani u tkun ibbażata fuq liġi iżda trid ukoll tkun "*compatible with the rule of law"* u li l-liġi li tipprovdi għad-detenzjoni ta' persuna tkun *"accessible, precise and foreseeable in its application, in order to avoid all risk of arbitrariness".*

61. Illi fil-każ in deżamina, huwa evidenti illi l-arrest tar-rikorrenti kien wieħed li joħroġ mil-liġi: Il-bażi legali għal tali arrest insibuha fil-*proviso* tal-Artikolu 15(3) tal-Kap 276 stess. Illi din l-istess liġi hija ċara u tipprovdi illi minkejja l-Qorti Rimandanti tkun ħelset il-persuna mill-kustodja, dik il-persuna trid "*tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna".*

62. Illi infatti anke mill-qari tal-istess sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' Ġunju 2022, jidher bl-aktar mod lampanti fuq xiex kien ibbażat l-arrest tar-rikorrenti. Kif ingħad hawn fuq, il-kunċett ta' *"arbitrariness"* huwa allaċċat ukoll mal-kunċett ta' *"good faith".* Illi ma hemm xejn x'jindika li f'xi mument tal-proċedura fil-konfront tar-rikorrenti Spiteri kien hemm mala fede. Ta' min wieħed josserva wkoll illi, pendenti l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dawk li seħħew f'Ġunju tas-sena 2022, ir-rikorrenti ma kienx prekluż milli jintavola rikors għall-ħelsien mill-arrest, tant hu hekk li dan kien ġie ntavolat iżda kien ġie miċħud mill-istess Qorti.

63. Illi in oltre, ma jirriżultax illi d-detenzjoni tar-rikorrenti ma saritx *"in good faith"* stante li l-arrest tiegħu kien imsejjes fuq il-fatt illi l-proċedura sabiex tiġi deċiża jekk jiġix estradit jew le kienet għada ma ġietx konkluża.

64. Illi tenut kont dan kollu, l-Qorti tħoss illi dan il-prinċipju ġie sodisdatt u li d-detenzjoni tar-rikorrenti kienet waħda legali u mhux arbitrarja.

65. Element ieħor huwa li d-detenzjoni trid tkun bl-intenzjoni ta' estradizzjoni jew kif inhi posta bl-Ingliż *"with a view to extradition".*

66. Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tħares lejn il-fatti kif seħħew.

    a. Illi fil-11 ta' Ġunju 2022, ir-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabiex jaffaċja proċeduri ta' estradizzjoni.

    b. Illi fil-mori tal-proċeduri ġie ntavolat rikors sabiex jinħeles mill-arrest, liema rikors ġie miċħud mill-Qorti Rimandanti permezz ta' digriet datat 21 ta' Ġunju 2022.

c. Illi ftit tal-ġranet wara, senjatament fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat sentenza li permezz tagħha ċaħdet it-talba għall-estradizzjoni minħabba li skont l-istess Qorti, l-allert eżebit ma kienx konformi mad-dettami tal-Ordni u ordnat illi r-rikorrenti jitqiegħed taħt arrest ai termini tal-*proviso* tal-Artikolu 15(3) tal-Kap 276.

d. Illi l-Avukat Ġenerali fil-5 ta' Lulju 2022 appella mis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2022.

e. In segwito, r-rikorrenti intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab il-ħelsien mill-arrest, liema rikors ġie miċħud permezz ta' digriet datat 6 ta' Lulju 2022.

f. Illi fit-8 ta' Lulju 2022 ġiet intavolata l-kawża odjerna.

67. Illi l-Qorti tosserva illi mill-atti joħroġ ċar illi r-rikorrenti kien għaddej proċeduri ta' estradizzjoni, fejn kienet ġiet mitluba l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Italja. Jirriżulta wkoll illi meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2022 ordnat li r-rikorrenti jibqa' arrestat, dan għamlitu a bażi ta' dak provdut fil-Kap 276 u b'hekk a bażi tad-disposizzjonijiet tal-estradizzjoni.

68. Illi b'hekk huwa ċar u manifest illi d-detenzjoni tar-rikorrenti kienet saret bl-iskop tal-estradizzjoni u pendenti l-proċeduri tal-estradizzjoni.

69. Il-Qorti tqis ukoll illi ma jistax jiġi affermat li l-proċeduri tal-estradizzjoni kienu ġew konklużi, tant huwa hekk li l-Avukat Ġenerali appella mid-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2022 u b'hekk il-proċeduri tkomplew quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u kif jidher mill-qari tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-Avukat Ġenerali fl-appell tiegħu talab li jkun hemm it-treġġiegħ tal-estradant lejn il-pajjiż rikjedent. Meta r-rikorrenti ġie ordnat illi jinżamm taħt arrest il-proċess tal-estradizzjoni ma kienx konkluż u l-iskop kollu tal-proċess kien dak tal-estradizzjoni.

70. Illi magħdud ma' dan, l-insenjament tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fuq dan il-prinċipju huwa li :

> *Any deprivation of liberty under the second limb of Article 5 § 1 (f) will be justified only for as long as deportation or extradition proceedings are in progress*[20].

71. Il-Qorti tirrileva illi fil-mori tal-proċeduri odjerni, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza tagħha (datata 2 ta' Awwissu 2022) fejn hija laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali u rrimandat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati. Sussegwentament, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba għall-estradizzjoni (permezz ta' sentenza deċiża fl-24 ta' Awwissu 2022), liema sentenza ġiet ukoll ikkonfermata fl-Appell (permezz ta' sentenza deċiża fl-20 ta' Settembru 2022).

[20] Vide kawżi bħal *A. and Others v. the United Kingdom* (kawża numri 3455/05, deċiża 19 ta' Frar 2009), *Khamroev and Others v. Ukraine* (kawża numru 41651/10, deċiża fil-15 ta' Settembru 2016), *Quinn v. France* (kawża numru 18580/91 deċiża fit-22 ta' Marzu 1995)

72. Illi b'hekk dan kollu juri kif ukoll ikompli jafferma illi d-detenzjoni kienet waħda *"with a view to extradition"* u li b'hekk anke dan l-element ġie sodisfatt.

73. Prinċipju ieħor li għandu jiġi sodisfatt huwa li l-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza, tradotta għall-Ingliż *"prosecuted with due diligence"*.

74. Il-Qorti, filwaqt illi tagħmel referenza għall-kronoloġija tal-fatti kif imsemmija u delineati aktar 'l fuq, terġa' tirribadixxi illi hija tenuta tistħarreġ l-fatti tal-kawża hekk kif kienu <u>fil-mument</u> tal-intavolar tar-rikors kostituzzjonali da parti tar-rikorrenti.

75. Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti ngħatat fit-30 ta' Ġunju 2022. Illi sussegwentament ġie ntavolat rikors għall-ħelsien mill-arrest li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Lulju 2022. Illi fil-frattemp ġie ntavolat appell mill-Avukat Ġenerali fil-5 ta' Lulju 2022, liema appell ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Awwissu 2022.

76. Illi din il-kronoloġija tal-fatti turi li l-proċeduri quddiem il-Qrati Maltin imxew b'mod spedit.

77. Illi kif ġja riportat aktar kmieni f'din is-sentenza, l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet <u>*Paul Attard v. L-Avukat tal-Istat*</u> affermat illi: *"L-Art. 5(1)(f) ma jimponix obbligu fuq l-Istat li jipprovdi għal żmien massimu li matulu persuna tista' titpoġġa taħt kustodja għall-finijiet ta' estradizzjoni"*. Illi fl-istess sentenza, l-Ewwel Qorti tikkwota l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fuq dan il-punt. Illi huma jispjegaw illi:

> *Accordingly, the Court will examine the record of legal proceedings before the domestic authorities (looking at phases of detention individually but also in combination) in the light of a 'due diligence' test. Here the conduct of the applicant – who might delay proceedings – as well as that of the authorities, is taken into account and there is no absolute limit to the time that proceedings may last. The test is one of diligence appropriate to the circumstances, although for long periods of detention the Court will consider whether there existed sufficient guarantees to safeguard against arbitrary executive decisions to keep an individual in detention.*

78. Illi ġustament, l-Avukat tal-Istat fi,-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel referenza għar-Regolament 27A tal-Liġi Sussidjarja 276.05, liema artikolu jipprovdi kif ġej:

> *(1) Id-deċiżjoni finali dwar il-konsenja, inkluża d-deċiżjoni ta' appell, jekk jiġi ppreżentat appell, għandha tittieħed mill-qorti fi żmien sittin (60) jum li jibdew mill-jum meta l-persuna li fir-rigward tagħha jkun inħareġ il-mandat taħt it-Taqsima II tkun ġiet arrestata.*
>
> *(2) Fejn f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-limiti ta' żmien stabbiliti fis-subartikolu (1) ma jkunux jistgħu jiġu osservati, l-awtorità ċentrali għandha tinforma lill-Eurojust, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien".*

79. Illi b'hekk huwa ċar u manifest mill-kronoloġija tal-fatti li anke *"time-limit"* previst fir-Regolament 27A tal-Ordni ġie rrispettat. *Quindi*, l-Qorti tqis illi l-prinċipju u l-element tat-tmexxija tal-proċeduri *"with due diligence"* ġie sodisfatt.

80. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi d-detenzjoni tar-rikorrenti ma kinitx waħda arbitrarja u illegali stante illi tinkwadra ruħha perfettament fil-qafas ta' detenzjoni ġustifikata ai termini tal-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

81. Illi b'hekk, il-Qorti ma ssibx li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm leżjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

82. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ il-leżjoni l-oħra ilmentata mir-rikorrenti, ossia li fil-konfront tiegħu nkiser id-dritt għal smigħ xieraq, hekk kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

83. Illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi s-segwenti:

> 1. *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> 2. *Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
>
> 3. *Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
>
>    (a) *li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
>    (b) *li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
>    (ċ) *li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
>    (d) *li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
>    (e) *li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti".*

84. Illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

(1) *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

(2) *Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

(3) *Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*

(4) *Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorità bħalma hija msemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –*

a. *fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu, jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi in camera;*

b. *fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l-income; jew*

c. *safejn il-qorti jew awtorità oħra –*

i. *tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi li fihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; jew*

ii. *jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurtà, pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta'persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri.*

(5) *Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqiesx li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*

(6) *Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*

a. *għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*

b. *għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

c. *għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

d. *għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*

e. *għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża, u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.*

(7) *Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.*

(8) *Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.*

(9) *Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*

*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*

*(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.*

*(11) F'dan l-artikolu "rappreżentant legali" tfisser persuna intitolata li teżerċita f'Malta bħala avukat jew, ħlief dwar proċeduri quddiem qorti fejn prokuratur legali ma għandux dritt ta' smigħ, prokuratur legali".*

85. Il-Qorti ser tibda billi tissinjala li mill-qari ta' nota ta' sottomissjonijet, ir-rikorrenti ma provdiex u ma ssustanzjax b'argumenti kif l-aġir ta' dan il-każ jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

86. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ artikoli l-Qorti ser tagħmel referenza għall-kawża supraċitata fl-ismijiet Patrick Spiteri vs L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija fejn il-Qorti stabbiliet illi:

*Ġie stabbilit b'mod kostanti fil-ġurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja li biex tinsab leżjoni tas-smiegh xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu. Bħala regola, sabiex jkun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru iżda irid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). Sabiex jiġu applikati l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara Fenech vs Avukat Ġenerali deċiża fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (Pullicino vs Onor. Prim Ministru et deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).*

87. Illi l-Qorti tosserva u tagħmel referenza għall- *"Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb)*[21] fejn ġie indikat illi:

[21] Pubblikazzjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem- Aġġornat sal- 31 ta' Awwissu 2022 (https://www.echr.coe.int/documents/d/echr/guide_art_6_criminal_eng )

*"46. Procedures for the expulsion of aliens do not fall under the criminal head of Article 6, notwithstanding the fact that they may be brought in the context of criminal proceedings (Maaouia v. France [GC], 2000, § 39). The same exclusionary approach applies to extradition proceedings (Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), 2002) or proceedings relating to the European arrest warrant (Monedero Angora v. Spain (dec.), 2008)".*

88. Illi fil-kawża *Monedero Angora v. Spain*[22], il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, issostni illi: *"With regard to the applicant's complaints under Article 6 of the Convention, the Court reiterates at the outset that the right not to be extradited is not as such one of the rights and freedoms recognised in the Convention and its additional Protocols (see K. and F. v. the Netherlands, no. 12543/86, Commission decision of 2 December 1986, Decisions and Reports 51, p. 272). Furthermore, the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002). In view of the extracts from the statement of reasons of Law 3/2003 set out in the "Relevant domestic law" part, the Court notes that the European arrest warrant procedure replaces the standard extradition procedure between member States of the European Union and pursues the same aim, namely the surrender to the authorities of the applicant State of a person who is suspected of having committed an offence or who is trying to escape justice after having been convicted by a final decision. Execution of a European arrest warrant is, in fact, practically automatic; the judicial authority does not carry out a fresh examination of the warrant in order to check that it conforms to its own domestic law, and will only refuse its execution for reasons laid down by the Law.It follows from the above, analysed in the light of the case-law of the Court, that this procedure does not concern the determination of a criminal charge. Accordingly, this part of the application is incompatible ratione materiae with the provisions of the Convention within the meaning of Article 35 § 3, and must be rejected pursuant to Article 35 § 4".*

89. Illi fil-kawża fl-ismijiet *Christopher Guest More v. The Attorney General*[23], il-Qorti Kostituzzjonali provdiet is-segwenti: *"The extradition proceedings do not involve the determination of a criminal charge. In this respect reference is made to the case of Trabelsi vs Belgium (Application no 140/2010) decided on the 4th September, 2014 wherein the European Court of Human Rights stated:- "160. The Court reiterates that extradition proceedings do not involve determining an applicant's civil rights and obligations and do not relate to the merits of any criminal charge against him or her within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (see Raf v. Spain (dec.), no. 53652/00, 21 November 2000; Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002; Sardinas Albo v. Italy (dec.), no. 56271/00, ECHR 2004-I; Cipriani v. Italy (dec.), no. 22142/07, 30 March 2010; and Schuchter, decision cited above). Therefore Article 6 § 1 of the Convention is inapplicable to the impugned extradition proceedings.*

*"161. Consequently, this part of the application is incompatible ratione materiae with the provisions of the Convention, within the meaning of Article 35 § 3 a), and must be dismissed in pursuance of Article 35 § 4".*

[22] Kawża numru 41138/05 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2008
[23] Kawża numru 133/2019 deċiża fis-27 ta' Marzu 2020

*In another case (Raf vs Spain, application no. 53652/00 decided on the 21st November, 2000) the applicant argued that article 6(1) had been breached due to the length of time the extradition proceedings had taken. The European Court of Human Rights held: "..... extradition proceedings do not concern a dispute (contestation) over an applicant's civil rights and obligations or the determination of a criminal charge against him or her within meaning of Article 6 of the Convention.*

*However, there have been cases where the issue might exceptionally arise in circumstances where the individual would "113..... risk suffering a flagrant denial of a fair trial in the requesting country. The principle was set out in Soering v the United Kingdom (cited above, 113) and has been subsequently confirmed by the Court in a number of cases (see, for instance, Mamatkulov and Askarov, cited above, 90-91)".*

90. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali (*din il-kawża ġiet wkoll kwotata mill-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu)* u tirrimarka illi: *"Fit-tieni lok, tosserva li dak li qiegħed jikkontesta r-rikorrenti permezz ta' dan l-aggravju mhumiex il-proċeduri ġudizzjarji li wasslu għall-konferma tal-ordni tal-estradizzjoni tiegħu, iżda l-kustodja mandatorja imposta mil-liġi u li timpedih milli jadixxi lill-Qorti sabiex tistħarreġ id-detenzjoni tiegħu, wara li l-Qorti, kemm in prim istanza, kif ukoll fl-appell, sabet li jeżistu raġunijiet biżżejjed sabiex huwa jiġi estradit għall-iskopijiet ta' investigazzjoni kriminali. Huwa jsostni li dan jammonta għaċ-ċaħda tad-dritt tiegħu għal aċċess għal qorti biex jikkontesta d-detenzjoni tiegħu u għalhekk jikkozza mal-Artikolu 6. Din il-Qorti tissenjala l-fatt li l-proċeduri odjerni ma jistgħux jitqiesu bħala pre-trial stage ta' xi proċeduri kriminali li jistgħu eventwalment jittieħdu mill-istat rikjedenti fil-konfront tar-rikorrent stante li l-għan tagħhom mhuwiex li jinizzjaw proċeduri li jistgħu jwasslu għad-determinazzjoni ta' jekk tinħariġx akkuża kriminali fil-konfront tiegħu, u lanqas jistgħu jitqiesu bħala proċeduri investigattivi li jwasslu sabiex ir-rikorrent jiġi mixli l-qorti b'akkużi kriminali. L-għan tal-proċeduri quddiem il-qorti rimandanti huwa limitat biss għad-deteriminazzjoni tal-vertenza jekk dik il-Qorti għandhiex toħroġ ordni ta' estradizzjoni lejn l-istat rikjedenti li min-naħa tiegħu jibda jew ikompli bl-investigazzjoni li tinvolvi lir-rikorrent. Għaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konklużjoni tagħha li f'dan il-każ ma jistax jikkonfigura leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni".*

91. Illi ta' min issemmi wkoll illi l-Ewwel Qorti fil-kawża hawn fuq ċitata kienet għamlet referenza għall-awturi Harris O'Boyle & Warbrick u qalet: *"Il-posizzjoni legali għal dak li jikkonċerna l-applikabbilita' tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-proċeduri ta' estradizzjoni hija ċara. Skont l-awturi in materja, Harris O'Boyle & Warbrick (Law of the European Convention on Human Rights (3rd.Ed.5 ) "Finally extradition proceedings to face a criminal charge in another state are not subject to Article 6 . Nor are the transfer of a convicted prisoner abroad or the execution of a Euopean Arrest Warrant...... Illi din l-istess posizzjoni ġiet imfissra minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta fil-każ Sebastiano Brunno v L-Avukat Ġenerali (Rik.Kost.17/2015/LSO) deċiża fit-3 ta' Diċembru 2015 li għaddiet in ġudikat, fejn din il-Qorti rriteniet finalment li : "Difatti dan l-artikolu (art 6) ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Il-proċeduri għall-estradizzjoni ta' persuna lejn pajjiż ieħor*

*ma jaqgħux f'din il-kategorija." Illi għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa billi l-Qorti tal-fehma li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax għall-każ in eżami li jikkonċerna proċeduri ančillari għall-estradizzjoni u kwindi eskluži mill-applikazzjoni tal-istess artikolu. Effettivament il-Konvenzjoni tiggarantixxi aspetti proċedurali fl-ambitu tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni u tal-aspett tal-legalita' tad-detenzjoni fl-istess artikolu 5 tal-Konvenzjoni li m'għandhomx l-istess firxa bħall-garanziji proċedurali fl-artikolu 6".*

92. Il-Qorti tirrileva li dan kollu japplika wkoll għall-każ in deżamina. Għaldaqstant il-Qorti tqis li fil-konfront tar-rikorrenti ma kienx hemm leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta' dawk it-talbiet fejn ġie mitlub il-ħelsien mill-arrest bi pleġġ tar-rikorrenti stante li ġew sorvolati billi r-rikorrenti fil-mori tal-proċeduri ngħata l-ħelsien mill-arrest.

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** kollha ta' l-intimat Avukat tal-Istat, u għalhekk,

**Tiċħad it-talbiet** kollha tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur.

L-Ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur